**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 6 ta' Marzu, 2020**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Jesmond Micallef)**

**vs**

**Godfrey Formosa**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Godfrey Formosa detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 634762M akkuzat talli

1. Fl-1 t' Ottubru 2011 u fil-granet u gimghat ta' wara din id-data, f' dawn il-Gzejjer, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg privat tieghu jew ghall-beneficcju ta' xi persuna jew entita' ohra, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew

dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu jew seraqhom;

2. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku b’ abbuz tal-kariga jew impjieg tieghu ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor faksifikat;
3. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u ciskostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku fl-ezercizzju rad-dmirijiet tieghu, ghamel falsifikazzjoni b’ firem foloz jew b’ tibdil f’ atti, fi skritturi, jew f’ firem, jew billi dahhal isem ta’ persuna mhux vera, jew b’ kitba maghmula jew imnizzla f’ registry jew f’ atti pubblici ohra, wara li kienu ga ffurmati jew maghluqa;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirskostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;
5. U finalment talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku ghamel reati li hu kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu hu kellu d-dmir jimpedixxi.

Il-Qorti giet mitluba li f’ kaz ta’ htija tal-imputat, tapplika l-piena tal-interdizzjoni generali perpetwa.

Rat in-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali tat-22 ta’ Gunju 2018 (inserita a fol. 240 tal-atti processwali) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub:

a) Fl-artikoli 10(1),(2),(4),(7) u 127(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) Fl-artikoli 10(1) (2) (4) (7), 189, 189A, 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c) Fl-artikoli 10(1) (2) (4) (7), 179, 189A, 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d) Fl-artikoli 10(1),(2),(4),(7), 179, 184, 189A u 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e) Fl-artikoli 31, 141, 127(1), 179, 184, 189, 189A, 190, 10(1),(2),(4),(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
f) Fl-artikoli 7, 8, 9, 10, 11, 16, 17, 18, 20, 23, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li waqt l-udjenza tat-28 ta’ Gunju, 2018 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fis-27 ta’ Dicembru 2013 Maryanne Formosa, mart l-imputat li minnu kienet qed tissepara, irrappurtat li f’Ottubru 2011 l-imputat ikkonfrontaha b’karti mahruga mis-socjeta’ Vodafone li kienu juru t-telefonati li kienet tircievi fuq il-mobile personali taghha minghajr ma hija taghtu access ghal tali nformazzjoni.

Meta l-Pulizija tad-distrett ghamlu stharrig mas-service provider indikat irrizulta li fl-1 ta' Ottubru 2011 kienet saret talba permezz ta' ittra (Dok. JM1 lill-imsemmija socjeta' sabiex il-Pulizija tinghata nformazzjoni dwar it-telefonati li kienet qed tircievi Maryanne Formosa minhabba li huma kellhom rapport minghand l-istess dwar telefonati anonimi u malizzjuzi li hija kienet qed tircievi. Fil-fatt irrizulta li Maryanne Formosa ma kienet ghamlet ebda talba jew rapport f'dan is-sens. L-imputat fiz-zmien in dizamina kien kuntistabbli tal-pulizija u stazzjonat bhala xufier fid-distrett taz-Zejtun.

L-Ispettur Jesmond Micallef li xehed fl-udjenza tad-29 t'April 2016 (a fol 12 sa 18 tal-atti processwali) spjega li minn investigazzjoni li ghamlet il-Pulizija rrizulta li kienet saret talba ghall-informazzjoni lil Vodafone Malta Ltd datat l-1 t'Ottubru 2011 u ttimbrata fit-13 t'Ottubru 2013. F'din it-talba (esebita bhala Dok. JM1 a fol 6 tal-atti processwali) jinghad li bhala parti mill-investigazzjoni dwar allegat ksur tal-Artikolu 35A tal-Kap. 399, fuq talba ta' Maryanne Formosa l-Pulizija jehtiegilha informazzjoni dwar it-telefonati rcevuti fuq in-numru 99858045 mill-1 ta' Lulju 2011 sat-13 ta' Ottubru 2011. Fuq din it-talba tidher firma u timbru tas-Supretendent Vella Gregory li dak iz-zmien kien stazzjonat fid-Distrett numru 5 u firma. Din it-talba intbaghtet lill-kumpanija Vodafone Malta Ltd li processat it-talba u providet twegiba permezz ta' ittra datata 22 ta' Novembru 2011 (esebita bhala Dok. JM2 a fol 20 sa 22 tal-atti processwali). In kontro ezami fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2018 l-Ispettur Micallef ikkonferma (a fol 246 sa 249 tal-atti processwali) li fil-kuntratt ta' separazzjoni il-konjugi Formosa kienu qablu li kellhom icedu l-kawzi kriminali kollha ntavolati fil-konfront ta' xulxin. Fir-rigward tat-templates sabiex isiru r-requests lis-service providers, waqt l-investigazzjoni kien irrizulta li

kuntistabbli mara li tahdem fl-ufficcju tad-distrett numru 5 kienet tiehu hsieb tali templates izda jista' jkun l-kaz li persuni ohra kellhom access ghalihom. Fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2019 l-Ispettur Micallef spjega (a fol 251 sa 253 tal-atti processwali) li ma kienx jaf jekk l-imputat li kien kuntistabbli u li kellu l-inkarigu ta' xufier tas-Supretendent Vella Gregory, ma kellux access ghat-templates in dizamina izda n-norma hija li min ikun jahdimhom ikollu access ghalihom bil-password tieghu u haddiehor li ma jkunx jahdem fuqhom ma jkollux access.

Is-Supretendent Raymond Vella Gregory xehed fl-udjenza tal-20 t'April 2016 (a fol 26 sa 37 tal-atti processwali)fejn qal li f'Ottubru tas-sena 2011 kien stazzjonat l-Ghassa taz-Zejtun. Meta kien jidhol rapport dwar reat relatat mal-uzu ta' mobiles, hekk kif isir ir-rapport, jinfetah file, jinghata numru u jitpogga il-PIERS report u jekk ikun hemm ir-rapport tas-surgent. Sussegwentement il-file kien jghaddi ghandu sabiex jiffirma l-formola li kienet tigi preparata mill-ufficcju u tintbaghat lis-service provider. Tali requests ma kinux jitilghu minghajr file jew minghajr file number. F'kaz li tirrizulta xi nformazzjoni minghand is-service provider kienu jintalbu dettalji ulterjuri. Ir-requests kienu jintbaghtu bil-posta lis-service providers izda f'certu istanzi kienu jitqassmu bl-idejn filwaqt li r-risposti kienu jingabru personalment mid-drivers jew mill-pulizija li kien ikun hemm dak il-hin l-Ghassa. Dan ix-xhud Ikkonferma li fl-2011 l-imputat kien jahdem bhala driver fl-Ghassa taz-Zejtun u lit-timbru li jidher fl-ittra a fol 6 tal-atti processwali huwa tieghu izda l-firma li tidher fuq l-ittra mertu tal-kaz odjern ma kinietx tieghu. Fir-rigward tat-timbru xehed li dan kien jithalla fuq l-iskrivanija tieghu izda l-bieb tal-ufficju kien jinzamm il-bicca l-kbira miftuh sabiex il-Pulizija nisa kienu jkunu jistghu juzaw it-toilet. Ix-xhud prezenta ghadd ta' statements immarkati bhala Dok RVG1 u RVG2 (a fol

38 u 39 tal-atti processwali) sabiex isir ezami komparattiv bejn il-firma tieghu u l-firma li kienet tidher fuq l-ittra. In kontro ezami is-Supretendent Vella Gregory xehed li l-ittri fejn tintalab informazzjoni minghand is-service providers ma kienx jikkumpilahom hu. Fl-udjenza tat-13 ta' Lulju 2016 xehed (a fol 92 sa 94 tal-atti processwali) li l-bieb tal-ufficju tieghu ghamel madwar 7 snin ma jinghalaqx (bejn l-2006 u l-2013) ghaliex apparti li l-Pulizija nisa kienu juzaw il-facilita li kien hemm f'dan l-ufficju, kien hemm Pulizija li gieli kien jorqod l-Ghassa u l-bieb kien iebes biex jinghalaq.

Illi fl-udjenza tad-29 ta' April 2016 xehed PC 30 (a fol 40 u 41 tal-atti processwali) li prezenta kopja tal-white card tal-imputat (Dok. MC1 a fol 42 u 43 tal-atti processwali). Fl-udjenza tal-20 ta' Dicembru 2016 Joseph Saliba in rapprezentanza tal-Jobsplus (a fol 142 sa 143 tal-atti processwali) prezenta l-employment history tal-imputat (Dok. JS1 a fol 144 u 145 tal-atti processwali) fejn jirrizulta li l-imputat kien impjegat mad-Dipartiment tal-Pulizija mill-11 ta' Ottubru 1982 sal-20 ta' Gunju 2016.

Illi fl-udjenza tat-3 ta' Gunju 2016 xehdet Marisa Gauci in rapprezentanza tas-socjeta Vodafone Malta Ltd (a fol 51 sa 56 tal-atti processwali) li qalet li l-kumpanija kienet irceviet talba ghall-informazzjoni datata l-1 t'Ottubru 2011 dwar in-numru 99858045 (Dok MG1 a fol 57 tal-atti processwali). It-talba giet processata u ntbaghtet risposta (Dok MG2 a fol 58 sa 60 tal-atti processwali). Tali requests kienu jithallew mar-reception tal-kumpanija. Fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2017 (a fol 153 sa 155 tal-atti processwali) ix-xhud xehdet li l-kumpanija ma kellha l-ebda ittra ta' complaint minn Maryanne Formosa. Fl-udjenza tad-9 ta' Mejju 2017

xehdet (a fol 171 u 172 tal-atti processwali) li n-numru 99858045 jinsab registrat fuq Maria Anna Formosa detentrici tal-karta tal-identita numru 0557461M.

Illi fl-udjenza tat-13 ta' Lulju 2016 xehdet Maryanne Formosa (a fol 95 sa 103 tal-atti processwali) fejn qalet li hija kienet ghamlet rapport fis-27 ta' Dicembru 2013[1] fil-konfront tal-imputat li jigi l-ex ragel taghha. F'Ottubru tal-2011 l-imputat kien ikkonfrontaha b'karta li kellha hafna numri u qalilha li kien jaf min kien qed icemplilha, meta u kemm-il darba. Meta staqsietu minfejn kien gab l-informazzjoni wegibha li nghaddietlu minn habib tieghu li jahdem mas-socjeta Vodafone Malta Ltd. Kienet ghamlet claim dwar dan mal-kumpanija. Il-claim giet investigata u madwar xahrejn wara l-claim Dr Melanie Borg, konsulent legali tal-kumpanija kienet infurmata permezz ta' telefonata li l-informazzjoni kienet inghatat lill-Pulizija fuq talba taghhom. In ri-ezami kkonfermat li n-numru taghha dak iz-zmien kien 99858045.

Illi fl-udjenza tad-29 ta' April 2016 gie nominat l-espert Joseph Mallia sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn il-firem esebit f'Dok. RVG1 u RVG2 u l-firma li tidher fid-dokument JM1. Ir-rapport tieghu gie esebit fl-udjenza tat-13 ta' Lulju 2016 (Dok AD1 a fol 67 sa 91 tal-atti processwali) fejn ikkonstata li minn ezami komparattiv bejn il-firem irrizultaw diversi diskrepanzi u nuqqas ta' qbil fil-kors tal-kitba f'Dok. JM1 meta kkumparata mal-firem originali tas-Supretendent Raymond Vella Gregory (tas-sena 2000, 2001, 2002 u 2003 formanti parti minn Dok. RVG1 u RVG2). Fl-udjenza tat-30 ta' Settembru 2016 l-inkarigu tal-espert Joseph

[1] Esebit fl-udjenza tad-9 ta' Mejju 2017 u tat-12 ta' Jannar 2018 bhala Dok. GZ1 u KV1 a fol 168 sa 170 u 207 sa 209 tal-atti processwali rispettivament

Mallia gie estiz sabiex jeleva l-firem tal-imputat u jaghmel ezercizzju komparattiv mal-firma f'Dok. JM1. Il-kampjun tal-firma tal-imputat ittiehed seduta stante. Rapporti ulterjuri gie esebit fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2016 (a fol 121 sa 135 tal-atti processwali) fejn ikkonstata li l-firma tal-imputat hija flowing u komposta minn ittri kemm kapitali kif ukoll zghar kuntrarju ghal dik f'Dok. JM1 li hija komposta biss minn linji. In vista ta' dan l-espert ma setghax jaghmel l-ezamijiet komparattivi rikjesti b'konkluzjoni minghajr ebda dubju. Fl-udjenza tal-15 ta' Novembru 2019 in kontro ezami xehed (a fol 260 sa 267 tal-atti processwali) li fl-ewwel rapport tieghu huwa hadem biss fuq materjal fejn il-firma tas-Supretendent Vella Gregory kienet originali u dan il-materjal kien datat 2001, 2002 u 2003. Spjega li bit-trapass taz-zmien il-kalligrafija tinbidel ftit izda hafna mill-punti karatteristici jibqghu hemm pero jista jkun li dawn jigu affettwati jekk persuna tkun qed tiehu xi medicina jew ikollha added stress. Xehed li l-ahhar darba li ra lis-Supretendent Vella Gregory l-istat ta' sahha tieghu kien jidher baghtut izda meta sehh il-kaz fl-2011 ma kienx rah u ma jafx l-istat ta' sahha li kellu. Fir-rigward tas-sample mehud minghand l-imputat, ikkonferma li din mhijiex prassi ideali ghaliex meta sample jittiehed gol-bini tal-Qorti jista' jaffetwa l-kalligrafija.

Illi fl-udjenza tad-9 ta' Mejju 2017 xehed PC 30 (a fol 164 u 165 tal-atti processwali) li fl-2011 l-Ghassa taz-Zejtun kienet tifforma parti mid-Distrett numru 5 liema distrett kien jaqa' taht is-Supretendent Vella Gregory.

Illi fl-udjenza tal-31 ta' Ottubru 2017 xehdet Dr Melanie Borg (a fol 137 sa 192 tal-atti processwali) li mill-2011 sal-2014 kienet impjegata ma'

Vodafone Malta Ltd bhala senior legal counsel. Spjegat li meta kien ikun hemm ilment dwar data protection kien hemm team kompost minnha, persuna mill-Information Security Department u persuna mis-sezzjoni tal-frodi. Kienet issir laqgha mal-persuna, tittiehed l-informazzjoni u wara li ssir investigazzjoni ir-rizultat jigi komunikat lill-persuna li tkun ghamlet l-ilment permezz ta’ telefonata. Sa fejn taf ix-xhud dejjem kien jinzamm record tal-ilmenti.

Illi fl-udjenza tat-12 ta’ Jannar 2018 xehed Jason Pavia bhala Manager fis-sezzjoni Legal and Regulatory Affairs fi hdan Vodafone Malta Ltd (a fol 199 sa 203 tal-atti processwali) li qal li huwa ma sab l-ebda dokument dwar l-ilment ta’ Maryanne Formosa. Ix-xhud ta l-istess deskrizzjoni moghtija minn Dr Melanie Borg tal-procedura dwar l-ilmenti izda f’dan il-kaz ma nfetahx file ghaliex l-informazzjoni giet mitluba mill-Pulizija.

Illi fl-udjenza tal-15 ta’ Novembru 2019 xehed is-Supretendent Kenneth Haber (a fol 268 sa 271 tal-atti processwali) li spjega li skont l-Artikoli 4 u 11 tal-Att Dwar il-Pulizija, id-dmir tal-Pulizija huwa principalment li jipprevjeni. Ix-xhud ma kienx jafx bl-ezistenza ta’ cirkolari jew ordni interni fejn membru attiv tal-Korp ikollu kunflitt ta’ interess izda spjega li meta jkun hemm kunflitt ta’ interess il-prassi hija li l-persuna tirtira mill-kaz u membri ohra jidhlu minfloku.

Illi f’dawn il-proceduri l-imputat ghazel li ma jixhidx izda irrilaxxja zewg stqarrijiet. Fl-istqarrija datata 28 ta’ Dicembru 2013 (Dok. AD1 a fol 221 sa 223 tal-atti processwali) stqarr li f’Ottubru 2011 kien cempel lil mara tieghu Maryanne Formosa waqt li kienet ix-xoghol u qalilha li kien jaf li

qed isiru telefonati minn barra minn Malta fuq il-mobile taghha. Huwa qatt ma wrieha karti minghand il-Vodafone. Huwa kellu suspett li l-mara tieghu kellha relazzjoni ma' persuna ohra u rnexxielu jgib l-informazzjoni dwar it-telefonati. Fit-tieni stqarrija rilaxxjata fit-8 ta' Jannar 2016 (Dok. JM3 a fol 23 sa 25 tal-atti processwali) stqarr li f'Ottubru 2011 kien stazzjonat fl-Ghassa taz-Zejtun bhala xufier tas-Supretendent Vella Gregory. Stqarr lit-talba ghall-informazzjoni lil Vodafone Malta Ltd datata l-1 t'Ottubru 2011 kien ghamilha hu ghaliex dak iz-zmien il-mara tieghu kien qed ikollha hafna missed calls fuq il-mobile taghha u kienet tmur ta' spiss il-Casino. Hu kien gibdilha l-attenzjoni dwar dan u hi kienet irrifjutat taghmel rapporti. Huwa beda jinkwieta li hi bdiet tissellef xi flus u beda jimmagina lit-telefonati kienu gejjin minn nies li kellhom jiehdu l-flus. L-imputat iddecieda li jaghmel ir-request ghaliex martu ma riditx taghmilha. Ir-request ghamilha minghajr l-ghajnuna ta' hadd u poggiha mar-requests l-ohra, ghaddiet ghand is-supretendent li ittimbraha u ffirmaha. Cahad li l-firma ghamilha hu. Stqarr li hu kien imur jigbor ir-requests u meta ra n-numru tal-karta tal-identita ta' Maryanne Formosa zamm ir-risposta ghalih. Kif mar id-dar cempel lil martu li kienet ix-xoghol u kkonfrontaha bihom. Meta waslet id-dar tkompla l-argument u hija qaltlu li kellha relazzjoni sesswali ma' persuna li kienet qed iccempel. Stqarr li kieku kien jaf li setgha jaghmel rapport f'isem martu kien jaghmlu sabiex b'hekk ikun formali.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' serq minn ufficjal jew impjegat pubbliku. L-Artikolu 127 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

> Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entità oħra, jagħmel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi jkunu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, jew jisraqhom, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa sitt snin, u l-interdizzjoni ġenerali perpetwa

L-element essenzjali ghal dan ir-reat ta' storn ('peculato' jew embezzlement) hu li l-awtur irid ikun ufficjal jew impjegat pubbliku li jabbuza mill-haga stornata li tkun giet fdata lilu minhabba dak l-impjieg.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmel Saliba deciza fil-31 ta' Mejju, 2012, fejn intqal:

> "Illi fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 127, il-Qorti ser tapplika l-istess argumentazzjoni. Hawnhekk id-dolo mehtieg ukoll issarraf fil-fatt illi l-ufficjal pubbliku japproprja ruhu jew jisraq flus jew oggetti ohra mobbli sabiex jaghmel profitt u dana b'abbuz tal-fiducja lilu moghtija fil-kariga li jokkupa. Kif jghid il-Professur Mamo: "Strictly speaking the more appropriate word to denote this element of the crime under reference is the first i.e. "misapply" inasmuch as the public officer already has the detention or general possession of the thing: he only betrays the trust reposed in him by diverting it from its destination, by using it unlawfully or his private advantage; in brief by deriving therefrom an unlawful gain." Huwa jikkwota dak li ighid l-Imhallef Harding: "Embezzlment is a crimen interversionis – that is it is completed when the lawful "causa possidendi" is fraudulently

substituted by the unlawlul ‘causa dominii’. As soon as the sum or thing is misapplied, there is fraudulent conversion.”

Illi l-mens rea fil-kummissjoni ta’ dan ir-reat huwa l-intenzjoni tal-ufficjal pubbliku li jaghmel uzu hazin mill-oggett ikkonsenjat lilu u dana b’ mod frawdolenti sabiex b’ hekk huwa jaghmel qliegh personali mill-istess.

Issir riferenza wkoll ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Frank Farrugia[2] fejn inghad li r-reat ta’ storn jipprospetta s-segwenti elementi:-

(a) Il-persuna tkun impjegat pubbliku;
(b) li ghamel uzu hazin minn hwejjeg mobbli fdati lilu;
(c) li kienu fdati lilu minhabba l-kariga tieghu;
(d) ghall-vantagg privat tieghu.

Illi fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex jitqies li jissussisti dan ir-reat. M’hemmx dubju li fl-2011 l-imputat kien ufficjal tal-Pulizija qua ufficjal pubbliku kif ukoll impjegat pubbliku. Mill-provi jirrizulta l-imputat kien ghamel uzu mit-templates fuq il-kompjuter system tal-Ghassa taz-Zejtun u mit-timbru tas-Supretendent Vella Gregory sabiex jaghmel request lil Vodafone Malta Ltd sabiex isir jaf min kien qieghed icempel lil mara tieghu Maryanna Formosa. Minkejja lix-xoghol fir-rigward tat-tlestija tat-templates ma kienx fdat lilu, l-imputat stess li  kien responsabbli milli jigbor ir-risposti ghal dawn ir-requests li

[2] Deciza 24.01.2011 Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Dr. Lawrence Quintano; Appell Numru 172/2010

jsiru lis-service providers minghand l-istess service providers, meta gabar ir-risposta bl-informazzjoni ghall-ittra li kien hejja huwa stess zamm l-istess risposta bl-informazzjoni u kkonfronta lil martu biha u akkuzaha li kienet qed tircievi telefonati minghand il-persuna li kellha relazzjoni maghha. L-imputat ghalhekk bhala ufficjal pubbliku ghamel uzu hazin mir-risposta bl-informazzjoni fdata lilu minn Vodafone Malta Ltd minhabba l-kariga tieghu kif ukoll mit-template u mit-timbru tas-Supretendent Vella Gregory, ghall-vantagg privat tieghu u cioe' sabiex ikollu nformazzjoni dwar it-telefonati li kienet qed tircievi martu u jsir jaf jekk hija kienx qed ikollha relazzjoni ma xi hadd iehor.. Fil-fehma tal-Qorti dan jinkwadra fir-reat ta' storn u l-imputat sejjer ghalhekk jigi misjub hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu..

L-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat taht bl-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali u cioe' li ghamel il-falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn dokument falsifikat. Dan l-artiklu jipprovdi:

Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-pienatkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena.

Ai fini ta' dan l-artikolu "dokument", "ghodda", "skrittura" u "ktieb" jinkludu kull kartoncina, disc, tape, soundtrack jew mezz iehor li fuqu jew fih tkun jew tista' tigi rregistrata u mahzuna nformazzjoni b'mezzi mekkanici, elettronici jew mezzi ohra. L-Artiklu 190 ikompli jghid li fid-delitti kollha ta'

falsifikazzjoni maghmulin minn ufficjali jew impjegati pubblici, il-piena tal-interdizzjoni generali perpetwa ghandha dejjem tizdied mal-piena stabbilita ghad-delitt.

Illi fir-rigward ta' dan ir-reat, id-Difiza eccepiet il-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali. Dan ir-reat huwa punibbli bi prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur u jekk l-imputat ikun ufficjal jew impjegat pubbliku b'abbuz tal-kariga jew impjieg tieghu il-piena tkun ta' prigunerija minn seba' xhur sa sena.

Illi jirrizulta li l-imputat huwa ufficjal pubbliku ghalhekk tapplika l-piena minn seba' xhur sa sena. Id-difiza ssostni li hawnhekk ghandu japplika l-Artikolu 688 (e) tal-Kodici Kriminali cjoe preskrizzjoni ta' sentejn. L-Artikolu 688(e) japplika ghal reati li jattiraw piena ta' prigunerija ta' inqas minn sena. Il-Qorti ma taqbilx ma' din il-tezi. Is-sub-artikolu applikabbli ghal dan il-kaz huwa is-sub-artikolu (d) u mhux is-sub-artikolu (e) tal-Artikolu 688 stante lis-sub-artikolu (d) huwa applikabbli ghal reati soggetti ghal perjodu ta' prigunerija ta' inqas minn erba' snin izda mhux inqas minn sena.

Illi l-ittra mibghuta lil Vodafone Malta Ltd hija datata l-1 t'Ottubru 2011, giet ittimbrata fit-13 ta' Ottubru 2011 u waslet ghand is-socjeta Vodafone Malta Ltd fil-25 ta' Ottubru 2011. Ir-rapport ta' Maryanne Formosa sar fis-27 ta' Dicembru 2013 filwaqt li l-akkuzi nhargu fl-1 ta' Marzu 2016. Ghalhekk l-akkuzi nhargu madwar seba' xhur qabel ir-reat giet preskritt.

Sorvolata l-kwistjoni tal-preskrizzjoni, permezz tat-tieni imputazzjoni l-artiklu l-imputat jinsab akkuzat b'falsita materjali cjoe fi kliem Mazini (Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu). Mill-provi prodotti l-Qorti tqis li gie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat iffalsifika il-firma li tinsab fuq ir-request tal-1 t'Ottubru 2011 ghal diversi ragunijiet. Fl-istqarrijiet tieghu l-imputat stqarr lit-talba ghamilha hu, ma giex imnizzel file number u lanqas infetah file kif ukoll l-imputat kellu access facli ghat-timbru tas-Supretendent Vella Gregory. Inoltre l-imputat kellu interess jaghmel tali talba in vista li ried isir jaf min kien qieghed icempel lil martu. L-imputat naqas milli jipprova imqar sal-grad tal-probabli li l-firma saret mis-Supretendent Vella Gregory u li ma taqbilx mal-firem precedenti tieghu minhabba l-qaghda ta' sahha tieghu. Inoltre l-Qorti tinnota li s-Supretendent Vella Gregory stess ikkonferma li filwaqt lit-timbru kien tieghu, cahad li l-firma ghamilha hu. Ghadaqstant jirrizulta dan ir-reat kif ukoll dak ravvizat fl-Artikolu 179 tal-Kodici Kriminali dwar falsifikazzjoni ta' atti maghmula minn ufficjal pubbliku.

Illi d-difiza ssostni li bhala membru mill-Korp tal-Pulizija xoghol l-imputat kien dak li jippreveni. F'dan il-kaz l-imputat jghid li huwa kellu l-biza' li martu kienet vittma ta' uzura u haseb li t-telefonati li kienet qed tircievi kienu qed isiru minn persuni li kellhom jiehdu l-flus minghandha. Dan jikkontradixxi l-ewwel stqarrija tal-imputat datata 28 ta' Dicembru 2013 fejn stqarr li huwa kellu suspett li l-mara tieghu kellha relazzjoni ma' persuna ohra u rnexxielu jgib l-informazzjoni dwar it-telefonati. In vista li l-imputat ser jinstab hati tali ffalsifika l-firma fuq ir-request mibghuta lil

Vodafone Ltd, l-imputat huwa hati wkoll talli ghamel uzu minn skrittura falza u talli xjentement ghamel uzu mill-iskrittura skont l-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali indikat mill-Avukat Generali.

Illi fil-kaz odjern il-Qorti taqbel mad-Difiza li m'ghandux ikun applikabbli l-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali stante illi r-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati jirrikjedu li wiehed ikun ufficjal pubbliku bhala wiehed mill-elementi tar-reat u ghalhekk mhux ser ikun hemm zieda bi grad ghall-pieni stabbiliti ghal dawn ir-reati.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li hemm l-assorbiment tat-tieni, t-tielet, tar-raba' imputazzjoni fl-ewwel imputazzjoni.  Il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-imputat ghandu fedina penali nadifa u fic-cirkostanzi jidrilha li piena karcerarja sospiza fil-massimu tkun l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-22 ta' Gunju 2018 u senjatament l-Artikoli 10 (1), (2), (4), (7), 127(1), 189, 189A, 190, 179, 184, 31, 7, 8, 9, 10, 11, 16, 17, 18, 20, 23 u 31, tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah sentejn prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' erba' (4) snin millum u tordna l-interdizzjoni generali u perpetwa tal-imputat.  Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

B’ applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta’ tliet mija tmienja u tmenin Ewro u erbatax -il Ewro centezmi (€388.14c[3]) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta’ esperti f’ dan il-kaz.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur

[3] Rapporti ta’ Joseph Mallia pg 121 – 135